MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1062/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**CHRIS VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **CHRIS VASSALLO** bin Andrew Peter u Therese nee' Falzon imwieled fis-6/03/1993, u joqghod 18, Sqaq il-Vitorja Nru. 4, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 121593(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-10/07/2013, ghall-habta tas-18:30hrs gewwa Triq l-Imdina, Qormi:

(1) Saq vettura bin-numru DX54X20, b'manjiera **(a)** traskurata, **(b)** perikoluza, **(c)** u bla kont.

(2) B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru. KBO-559 u volontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Zammit.

(3) Kif ukoll insulenta, hedded jew ingurja b kliem jew b'mod iehor lil Mary Farrugia.

(4) U aktar meta b'nuqqas ta hsieb, bi traskurangi jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mary Farrugia skond kif iccertifika Dr. J. C. Abela M.D. Reg 2536 mill-Floriana H.C.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti li f'kaz ta' htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid li jinsab a fol. 11, fedina penali a fol. 12, okkorrenza a fol. 13 et sequitur, affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti a fol. 22 u 23, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Jannar, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens jinsab a fol. 24, ricevuta a fol. 25 u certifikat mediku a fol. 26 u 27 tal-Process.

Rat illi meta sar l-ezami nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, 2014 (fol. 28) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz teighu jigi trattat bi procedura sommarja u konsegwentement deciz minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq imsemmija.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar il-21 ta' April, 2014 permezz ta' digriet ta' Assenjazzjoni mill-Prim Imhallef.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 xehdet **Mary Farrugia** u spjegat li tiftakar illi hija kienet ghaddejja bil-vettura taghha Golf, sejra minn Hal Qormi direzzjoni lejn Haz Zebbug. Tiftakar li effettivament l-imputat kien qed isuq karozza quddiemha, taf li beda jserrep. Spjegat li fil-karozza kien hemm ukoll l-gharusa tal-imputat u taf li kienu qieghdin jidhqu, u beda jtalla subajh tan-nofs. Spjegat li

meta waslu propju vicin il-hanut bl-isem Shopwise, f'Mdina Road, Qormi huma qishom daru lejn in-naha tax-xellug u hasduha u hija daret ukoll in-naha tax-xellug biex ma jolqtuliex il-genb taghha u tahseb li laqtitlu xi naqra l-bieba mbaghad waqfu t-tnejn (2) li huma. Taf illi beda jaghti fuq il-*bonnet* taghha kemm jiflah u bid-daqqiet li ta anke x-xibka li kellha l-arma tal-Golf waqghet. Staqsietu ghalfejn ghamlilha hekk u fil-fatt ghawgilha subajha u fil-fatt ghamlet referenza ghac-certifikat mediku. Tghid li qalghalha difrejha u beda niezel hafna demm.

Sussegwentement cemplet lill-*partner* taghha certu Joseph Zammit u nelfrattemp lahqu gew ukoll il-Pulizija. Il-Pulizija staqsewha x'gara u spjegajtilhom dak li kien gara. Il-vettura li kienet qed issuq hi tal-ghamla Golf Volkwagen numru ta' registrazzjoni KB0-559 u din tappartjeni lil Joseph Zammit mhux lilha. Spjegat li fil-fatt bhala danni hemm dawk li huma elenkati fl-ircevuta li ghaddiet lill-Pulizija. Mistoqsija kemm kienu boghod minnha qabel ma beda l-incident spjegat li ma tantx kienu, xi zewg (2) karozzi boghod minnha. Fl-ebda hin pero' ma kienet fuq il-*mobile*. Murija ritratt immarkat bhala dokument CSH tghid li ma taghrfux. Spjegat wara li l-karozza taghha hija dik griza fuq wara ta' dik is-sewda. Mhux veru li hija saqet fil-karozza ta' quddiemha meta l-karozza ta' quddiemha kienet wieqfa. Mistoqsija kif spiccaw fil-pozizzjoni murija fir-ritratt spjegat li huma daru lejn ix-xellug u hija saqet ghal warajhom.

Illi nhar it-22 ta’ Lulju, 2014 xehed **Stephen Cachia** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Transport Malta. Mitlub sabiex jaghti nformazzjoni dwar il-vettura numru ta' registrazzjoni DX54X2O tal-ghamla Peugeot spjega li din giet irregistrata fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju, 2013 u hi rregistrata f'isem Chris Vassallo I.D. *Card Number* 121593(M).

Spjega li llum il-gurnata din il-vettura ghanda *Registration Number*: EBT-873. Gie mitlub ukoll jaghmel ricerka fuq Chris Vassallo biex jara jekk ghandux licenzji tas-sewqan u spjega illi huwa ghandu licenzja tas-sewqan mahruga fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju, 2011 u hija valida sas-sitta (6) ta' Marzu, 2014. Esebixxa dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala dokument ADT.

Illi nhar it-22 ta’ Lulju, 2014 xehdet **Charlene Abela** u spjegat illi l-imputat fil-fatt huwa l-gharus taghha u tiftakar li dakinhar tal-incident hija kienet riekba bhala passigiera fl-istess karozza mieghu u tiftakar li effettivament huma kienu telghin mid-direzzjoni ta' Hal Qormi sejrin lejn Haz Zebbug propju fejn hemm l-istabbiliment maghruf bhala Krea, tispjega li Chris kien qieghed fuq il-*lane* ta' barra u ra lil Mary Farrugia riesqa fil-vicin. Taf li huwa paqpaq il-*horn* u meta paqpqilha l-*horn* taf li hija resqet mieghu u fil-fatt rawha tghid xi kliem ghalkemm ma semghuhiex ghax it-twieqi kienu maghluqa. Chris qabizha, baqa' tieghla ‘l fuq u waqaf mas-

*service lane* propju quddiem il-Krea u kif hareg mill-karozza, u fetah il-bieba raha gejja ghal fuqu u sabiex izommha milli tidhol go fih taha xi daqqiet fuq il-*bonnet* u dana fil-*panic* ghax haseb li ha tweggghu. Taf li din harget mill-karozza bdiet tghajjat u toffendihom u bdiet tghid li ha terga' tmur il-habs minn fuqhom u toqtolhom u diskors bhal dan.

Ikkonfermat li l-*mobile* taghha kien bla kredit, u ghalhekk dahlet fil-hanut Krea biex taghmel telefonata, kif harget ratha qisha ha taghti daqqa ta' ponn lil Chris u meta marret fil-vicin taf li din Farrugia tatha daqqa fuq xoffitha. Murija c-certifikat esebit fl-atti a fol. 15 tal-process u tghid li dak hu c-certifikat li gabret mill-Polyclinic tal- Furjana. Taf li din Farrugia baqghet tigri warajhom, u taf li anke hargu xi nies mix-Shopwise. Hija regghet dahlet gewwa biex icemplu l-Pulizija u dan peress li baqghet tigri warajhom u tghajjat u ftit wara l-hin taf li gew il-Pulizija. Mistoqsija ghaliex huma waqfu hdejn il-Krea, spjegat li Chris waqaf ghaliex haseb li missitu u riedu jivverifikaw il-karozza.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 xehed **Joseph Zammit** u spjega li ghandu karozza Golf numru tar-registrazzjoni KBO-559 u jaf illi l-*partner* tieghu Mary Farrugia ssuq din il-vettura ukoll. Jaf illi Mary Farrugia kienet involuta f'incident bil-karozza tieghu pero' hu ma kienx prezenti. Jaf illi wara l-incident kien ha l-karozza biex tissewwa u ghadu ma sewwijiex. Jaf li pero' gab stima tal-hsara u

taha lill-Pulizija. Muri l-istima esebita f'dawn l-atti jikkonferma li din hija l-istima li kien ghadda lill-Pulizija.

Illi nhar il-25 ta’ Awwissu, 2014 xehed **Dr. Jurgen Abela** u spjega li hu ezamina lil Charlene Abela nhar is-sittax (16) ta' Lulju, 2003 ghall-habta ta' 19:14 u dana gewwa l-Gzira Health Centre. Spjega li fil-fatt huwa kien irrilaxxja certifikat mediku liema certifikat huwa esebit f'dawn l-atti a fol. 27 tal-Process. Huwa kkonferma l-kontenut ta' dan ic-certifikat. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa regghax ra lil Charlene Abela minn dakinhar tal-ezami spjega li ma regghax raha.

Rat illi fis-seduta tas-sebgha (7) ta’ Novembru, 2014 xehed l-imputat **Chris Vassallo** u spejga dak li effettivament kien gara dakinhar. In fatti jghid li jiftakar li fl-ghaxra (10) ta' Lulju, tas-sena elfejn u tlettax (2013) huwa kien tiela minn Triq l-Imdina, Hal Qormi sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zebbug. Spjega li ftit wara l-istabbiliment maghruf bhala The Edge li jinsab fuq in-naha tal-lemin tiela lejn Haz-Zebbug kien hemm karozza tal-ghamla Volkswagen Golf fuq ix-xellug tieghu u s-sewwieq ta' din il-vettura bdiet isserrep fis-sens li bdiet tmur quddiemu. Huwa naturalment daqq il-horn biex jattira l-attenzjoni taghha u meta ghamel hekk deherlu li hija hadet fastidju. Appena wasal ma' genbha hija bdiet tross fuqu u tant giet vicin li spiccaw waqfu t-tnejn. Huwa fil-fatt haseb li kienet laqtitu. Huwa cioe' nonostante saq il-quddiem u

tefa’ fil-genb mas-*service road* u dana sabiex jinzel jara jekk kellux xi hsara fil-karozza u sakemm huwa niezel mill-karozza sema’ hoss qawwi ta' karozza u meta hares lura ra l-istess persuna ssuq ghal fuqu. Huwa dak il-hin ippanikja u prova jwaqqafha. Ta xi daqqiet fuq il-*bonnet* biex tieqaf. Cioe' nonostante baqghat diehla fil-bieba tal-karozza tieghu. Huwa mbaghad fetah il-bieba kompluta u hareg minn bejn il-karozzi u sadanittant it-tfajla tieghu marret iccempel lill-Pulizija. Sadanittant bdiet tigri warajh u theddu u bdiet tghidlu li kienet il-habs u affarijiet simili. Huwa beda jevitaha. Meta t-tfajla tieghu harget mill-hanut wara li kienet marret hemm biex cemplet lill-Pulizija jaf li din il-mara marret ghaliha u laqtitilha xuftejha billi laqtitilha daqqa. Ra r-ritratt esebit f'dawn l-atti a fol. *thirty two* (32) tal-Process u kkonferma li l-vettura tieghu hija s-sewda waqt li taghha hija l-griza u din hija l-pozizzjoni kif waqfu z-zewg (2) vetturi meta huwa waqaf biex jiccekja fis-*service road* jekk kelliex xi daqqa jew le. Spjega li ftit wara waslu fuq il-post il-Pulizija.

PS 1141 Noel Tanti xehed nhar is-7 ta’ Novembru 2014 u spjega li nhar l-10 ta’ Lulju, 2013 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi u meta kien *second watch* ghall-habta tas-sitta ta’ filghaxija rcieva telefonata li kien hemm kollizzjoni bejn zewg karozzi u li s-sewwieqa kellhom xi jghidu. Jghid li rrizultalu li kien hemm xi feriti ta’ natura hafifa kif del resto kiteb fl-okkorenza redatta minnu u esebita fl-atti a fol. 13 tal-process.

Illi dakinhar stess wara li xehed l-imputat u d-difiza stqarret li ma kellhiex provi aktar xi tressaq il-partijiet trattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti ta x'gara dakinhar. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li kien l-imputat li qabad u beda jitkellem hazin, jhedded u jingurja lil Maria Farrugia waqt li d-difiza qed tallega li kien l-imputat li volontarjament ghamel danni fuq il-vettura tal-*partner* ta' Maria Farrugia u li effettivament ingurja u hedded il-persuna taghha.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru ukoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all*

*circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f'aktar dettal dak li kienet qalet lill-pulizija li nvestigat il-kaz a tempo vergine ftit wara li kien sehh l-incident awtomobilistiku u l-imputat ghalkemm mhuwiex obbligat li jixhed iddecida li jixhed u jikkonferma l-versjoni tal-fatti kif moghtija minnu a tempo vergine u kif jirrizultaw mill-okkorenza esebita. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable',*

*the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti ukoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen*' [1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti fortunatament qeghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex kienet hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe' hadet z-zmien taghha sabiex tigbor u tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap. 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghall-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li kif gja ntqal hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda

moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux d-dubji ragjonevoli fiha jew le.

Il-Prosekuzzjoni resqet bhala xhud principali taghha l-allegata vittma Maria Farrugia. Din spjegat li waqt li kienet qed isuq il-vettura tal- partner taghha tal-ghamla Golf sejra fid-direzzjoni ta' Haz Zebbug l-imputat beda jkellimha hazin waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu ma' genbha tant li qalet li tellgha subajgh tan-nofs u baqa' isegwiha. Mistoqsija jekk laqtitx lill-imputat wiegbet fin-negattiv u qalet li kien hu li dahal go fiha. Izda wara tghid li setghet laqtitu. Mistoqsija jekk kintix hi li dahlet fl-imputat meta kien wieqaf hdejn il-hanut Shopwise tghid li ma kienx il-kaz pero' meta murija ir-ritratti esebiti l-ewwel tghid li ma tgharafx ir-ritratt u wara tghid li l-vettura taghha hija dik fuq wara ta' kulur iswed.

Interessanti pero' li x-xhud tal-Prosekuzzjoni Charlene Abela, l-gharusa tal-imputat ma qablitx ma' dak li qalet Maria Farrugia izda ikkoloborat ix-xhieda moghtija mill-imputat u dan anke fil-mument meta sehh l-incident a tempo vergine meta l-pulizija esekuttiva kienet qed tinvestiga l-kaz u dan kif jirrizulta mill-okkorenza esebita mill-istess pulizija . Abela qalet li Maria Farrugia kienet qed issuq isserrep quddiem l-imputat f'Qormi Road u f'hin minnhom tghid li hasbet li Farrugia laqtitu u ghalhekk huma marru fis-*service*

*road* biex jaraw jekk kellhomx xi daqqiet. Gara pero' li meta waqfu Maria Farrugia baqghet issuq ghal warajhom u nizlet mill-vettura taghhom sabiex thebb ghall-imputat. Din hi ukoll il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat. M'hemmx dubju li l-posizzjoni tal-vetturi kif murija fir-ritratti esebiti jikkonfermaw li effettivament kienet Farrugia li saqet ghal wara l-imputat li kien fuq quddiem.

Issa jekk wiehed jezamina r-ritratti esebiti jidher car li effettivament l-imputat kien fuq quddiem u li kienet Maria Farrugia li segwietu u saqet ghal warajh tant li waqfet proprju mal-bieba tieghu. Ghalhekk meta l-imputat fix-xhieda tieghu jghid li kienet Maria Farugia li nizlet ghalih biex tingurjah u thebb ghalih il-probabilita' hi li veru hekk gara.

L-imputat kien genwin fix-xhieda tieghu u jghid li kien hu li ta xi daqqiet ta' ponn fuq il-*bonnet* tal-vettura tal-partner ta' Maria Farrugia u dan ghaliex haseb li kienet ser issuq ghal fuqu. Jghid li dan ghamlu sabiex jittenta jwaqqaf lil Maria Farrugia milli taggredih. Huwa cahad li tkellem hazin jew li hedded lil Maria Farrugia. Fil-fatt Charlene Abela tghid li Maria Farrugia hebbet ghaliha tant li anke esebiet certifikat mediku tal-feriti li sofriet bhala rizultat ta' din l-aggressjoni.

Illi dwar il-feriti allegatament subiti minn Maria Farrugia dawn ma jirrizultawx provati u lanqas gie esebit certifikat mediku biex jissostanzja dawn l-allegat feriti.

Illi fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax li l-imputat f'xi hin saq b'xi mod traskurat jew negligenti u ghalhekk l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat fir-rigward ta' ksur ta' disposizjonijiet tal-ligi f'dan ir-rigward ma jirrizultawx. L-unika akkuza li fil-fehma tal-Qorti tirrizulta  hija dik li tirrizulta mix-xhieda tal-imputat stess li b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura Nru. KBO-559 u volontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Zammit. Din l-akkuza tirrizulta kemm minn dak li qal l-imputat li ta daqqiet ta' ponn fuq il-*bonnet* u kemm mill-istima esebita minn Joseph Zammit li effettivament kien hemm danni materjali fuq il-vettura bhala rizultat dirett tal-agir negligenti tal-imputat.

**Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 15 (1) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 328 (d), 339 (1) (d) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat Chris Vassallo hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minnhom salv ghall-akkuza li kkaguna b'mod volontarju danni fuq il-vettura ta' Joseph Zammit u tikkundannah multa ta' mitt ewro (ewro 100).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------